KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 65**

**It-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 65.01 Qari t'ittri t'apoloġija

**65.01.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' xogħol, din l-ittra ġiet aċċettata minn dawk kollha preżenti.

**65.01.02** Dwar il-Kunsillier Carlo Stivala, s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li għal darb'oħra ma sema xejn. Din il-kwistjoni issa ila pendenti diversi ġimgħat f'idejn id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill għadu jistenna direzzjoni.

## 65.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 63 u Seduta b'urġenza 64)

**65.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti tas-Seduta 63.

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil sekondata mill-Kunsillier Simon Buttigieg, dawn il-minuti ġew approvati unnanimament.

**65.02.02** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti tas-Seduta b'urġenza 64.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana sekondata mill-Kunsillier Simon Buttigieg, dawn il-minuti ġew approvati unnanimament.

## 65.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 63)

**65.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-materja dwar il-kont pendenti li kien hemm fuq il-*meter* tad-dawl, ġiet riżolta wara laqgħa li saret bejn il-Kunsilliera Alex Caruana u Simon Buttigieg, flimkien mal-ARMS. Minn din il-laqgħa ħareġ li dan il-kont pendenti se jkun qed jiġi mħallas mill-Enemalta - għax mhux propjetà tal-Kunsill.

## 65.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**65.04.01** *Imnarja fil-Qajjenza:* Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet fl-Imnarja fil-Qajjenza, se jkun hemm *VIP tables* fuq in-naħa ta' quddiem u se jkun hemm sett ta' *bistro tables* fuq wara, fl-istess ħin se jkun hemm logħob għat-tfal. Se naħsbu għall-mediċi u ambulanza f'każ ta' bżonn. L-attività se tibda bil-baned tal-lokal, u se jkun hemm l-għannejja u fl-aħħar se jkun hemm kunċert min-naħa ta' Freddie Portelli. Se jkun hemm tmien *stands* li se joffru ikel Malti. Se nagħmlu tlett *banners* sabiex jippromovu l-attività.
Il-kwotazzjonijiet kollha relatati mal-Imnarja fil-Qajjenza ġew approvati mill-Kunsilliera preżenti. Marbuta mal-attività l-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet sabiex il-ħadid tal-Qajjenza jiġi mnaddaf. Se nġibu kwotazzjoni għat-tindif kollhu qabel u wara l-attività.

**65.04.02** *Skips on wheels*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm bżonn li jinxtraw żewġ *skips on wheels,* sabiex jitpoġġew f'żewġ żoni fejn il-kuntrattur tal-iskart ma jistax jidħol fihom. Is-Sindku għażel li jmur għal dik tal-11-il litru, u jkun hemm żewġ skips fiż-żewġ żoni għas-separazzjoni tal-iskart.

**65.04.03** *Mobile toilets fil-Qajjenza:* Is-Sindku Scott Camilleri qal li waslu żewġ kwotazzjonijiet għal tlett *mobile toilets* fil-Qajjenza. L-irħas kwotazzjoni hija kwotazzjoni A li fiha tkopri tindif kuljum. Ma' dan il-kuntrattur ġa ħdimna matul is-sajf tas-sena l-oħra u kien servizz tajjeb ħafna.

**65.04.04** *Intercom kit tas-Sala:* Is-Sindku Scott Camilleri semma li se ssir *Intercom System* fis-sala, l-iskrivan Christian Mifsud ta' spjegazzjoni taż-żewġ kwotazzjonijiet li rċivejna u ħareġ biċ-ċar li kwotazzjoni B kienet l-iżjed effiċjenti għal li jixtieq il-Kunsill. Għalkemm kienet ogħla ftit iżjed intgħażlet minħabba li fiha se jkun hemm kollox inkorporat u nkunu nistgħu nagħmlu *upgrades* fil-futur.

**65.04.05** *Playing Fields:* Is-Sindku Scott Camilleri qal li mill-aħħar seduta intbagħatet il-proforma oħra tal-apparat għall-bandli l-ġodda. Dawn kienu ntogħġbu u ġew approvati sabiex jitkompla x-xogħol.

**65.04.06** *Globi tal-Fanali tax-Xatt:* Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-Kunsill beda l-proċess tal-wiring tax-Xatt, u issa l-parti mill-proċess li hu li jinbidlu l-globi u l-bozzoz ta' dawn il-lampi. Dawn il-globi bil-bozzoz se jiswew €125 kull wieħed. Il-Kunsilliera preżenti qablu li dawn jinxtraw hekk kif dawn hemm bżonnom.

## 65.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

**65.05.01** *Skeda ta' Pagamenti*: Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti

**65.05.02** *Petty Cash*: Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash.*

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-Kunsilliera preżenti kollha approvaw l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 65.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**65.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li fuq il-berġa, fi tmiem il-ġimgħa nbeda xogħol fil-berġa u ta' aġġornament x'se jiġri min issa 'l quddiem. Din il-ġimgħa l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Lands* dwar id-devoluzzjoni tal-art bejn Triq San Mikiel u Triq Żarenu Dalli. Il-Kunsill issa jrid imur għand il-Perit biex jiffinalizza l-pjanti.

**65.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-problema pendenti dwar it-tisqijja tas-siġar li hawn fir-raħal issa ġiet riżolta. Il-Kunsilliera Maria Mifsud sostniet li dawn il-pjanti jridu jisaqqew darbtejn fil-ġimgħa. Fuq din is-Sindku se jkellem lil min se jagħmel dan ix-xogħol.

**65.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li din il-ġimgħa attenda għal *meeting* ma' *Project Green* fejn dawn se jagħtu tindifa tajba Triq l-Għerien. Se jirrinanġaw is-*soft flooring* u jagħmlu masġar żgħir. Il-Viċi Sindku Josette Buttil saqsiet li hekk kif se ssir dil-biċċa xogħol, issir il-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fuq din ftit tal-ġimgħat ilu bagħat *email* lil Ministru l-Onor. Aaron Farrugia, u lic-CEO t'*Infrastructure Malta.*

**65.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri tenna li l-Kunsill, għal darb'oħra ma ġiex infurmat li se jsiru xogħlijiet fi Triq Għar Dalam. Hu min-naħa tiegħu bagħat *e-mail* fejn wera d-diżapunt tiegħu f'isem il-Kunsill Lokali. Ġie mwiegħed li se jimmitigaw is-sitwazzjoni.

**65.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li trid issir laqgħa interna dwar il-Festa qabel issir il-laqgħa mas-Suptretendent tad-distrett. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jagħmel din il-laqgħa interna fil-jiem li ġejjin.

**65.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li matul il-ġimgħat li għaddew attenda għal-laqgħa fil-Parlament dwar il-*bye-law* tal-karavans. Fil-proċess il-Gvern bħalissa qed jipprova joħroġ *bye-law* kommuni mal-postijiet kollha li għandhom din l-isfida. Is-Sindku Scott Camilleri qassam kopja lill-Kunsilliera kollha *template* tal-*bye-law.* Il-Kunsill Lokali mitlub li jsibu post adekwat fejn jistgħu isiru dawn il-*Caravan Sites.* Il-Kunsill Lokali ħareġ bis-suġġeriment ta' Wied ix-Xoqqa, imma irridu nibgħatu lill-Ministri kkonċernati sabiex il-Periti mqabbda minnhom jiċċekjaw jekk jistgħux isiru *open fire* kif hemm hekk huwa post ta' periklu għax jinsabu viċin il-*Liquigas.* Din iż-żona ġiet proposta għall-parkeġġ ta' karavans sa massimu ta' 7 t'ijiem. Fil-Qajjenza, fit-triq fuq il-blata il-bajda tkun għal-ġurnata waħda jew sa massimu ta' 3 t'ijiem. Il-Kunsill Lokali qabel li tintbagħat ittra lill-Ministru u dawk ikkonċernati u sabiex jaraw il-postijiet hux tajbin għal dan l-iskop.

**65.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem mill-ġdid mal-Kunsilliera dwar il-kwistjoni taż-*Żurrieq Joint Committee.* Din il-ġimgħa irċieva mingħand id-Diviżjoni, li l-pass li jmiss hu li l-ammont jinqasam bejn il-Kunsilli kollha bl-istess ammont. F'din il-korrispondenza, ġie infurmat li hekk irid il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa hu liberu li jagħmel arbitraġġ indipendenti jekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni. Apparti minn hekk sar jaf li qatt ma kien hemm awditjar intern, u qatt ma kien hemm iddokumentat l-ammont ta' flus li kien hemm fiż-*Żurrieq Joint Committee.* Dil-ġimgħa s-Sindku Scott Camilleri kellu kommunikat mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar Mariella Strout għaliex jidher li r-Reġjun se jidħol f'din il-materja u din talbitu *feedback*, għaliex din tiela fis-seduta tar-Reġjun li jmiss. Hekk kif il-Kunsilliera se jkunu qed jattendu għal-laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill, se jitkellmu din is-sitwazzjoni miegħu.

## 65.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**65.07.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 65.08 Korrispondenza

**65.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li waslet talba sabiex għax-xhur tas-sajf isir isir *race track, bouncing castle* u *trampoline* f'żona ta' seba' metri kwadri. Din trid tkun viċin il-baħar, u l-art tkun lixxa bic-*cement.* Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li ssir f'Wied il-Buni fejn hemm il-parti l-miftuħa. Il-Kunsillera preżenti qablu, però qabel jinħareġ il-permess tal-Kunsill għandu jiġi ppreżentat iżjed dettalji dwar, il-post, ħinijiet, il-perjodu u wkoll jiġi preżentat *engineering u insurance report*.

**65.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li waslet talba oħra sabiex għax-xhur tas-sajf isir isir *bouncing castle,* għal tfal sa massimu ta' seba' snin. Il-Kunsillera preżenti qablu, però qabel jinħareġ il-permess tal-Kunsill, dan ukoll irid jippreżenta iżjed dettalji dwar, il-post, ħinijiet, il-perjodu u wkoll jiġi preżentat *engineering u insurance report.* Dan għandu jintrama fi *Pretty Bay.*

**65.08.03** Is-Segretarju Jordy Brincat semma li l-Kunsill irċieva talba sabiex ikun hemm gabbana tal-ikel fix-xhur tas-Sajf fil-bajja s-sabiħa. li fiha. Il-Kunsilliera preżenti ma qablux dwar din it-talba.

**65.08.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet applikazzjoni għal *personlised blue badge parking bay* fi Triq San Ġorġ. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li wasal iż-żmien li għandu jsir studju dwar l-ammont ta' *personlised blue badge parking bay* li hawn fil-preżent. Il-Kunsill qabel li jħalli lil Transport Malta biex jara hu jekk japprovax din it-talba.

**65.08.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ħarġet inizjattivà tajba fejn hawn kaxxi li jgħidulhom $CO_2$ *boxes*. Hu spjega eżatt x'inhuma u kemm jiswew, hu talab li xi ħadd mill-Kunsill jiltaqa ma dan il-persuna biex jara eżatt x'inhuma, u x'jista jagħmel użu minnom il-Kunsill Lokali.

**65.08.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza mill-Kumitat Tismija tat-Toroq dwar numerar ta' bibien fi Triq Birżebbuġa u Triq il-Port Ħieles. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti kien hemm qbil lis-Sindku Scott Camilleri ħa jibgħat jaħdem fuqa u jibgħat risposta lill-istess Kumitat.

## 65.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**65.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-Erbgħa 31 ta' Mejju 2023, se ssir il-laqgħa annwali tal-lokalità. Din ser issir fil-*boardroom.*

**65.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-BOV talab li sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' japprova l-ħlasijiet tal-Kunsill trid tgħaddi reżoluzzjoni. Issa lis-Segretarju Eżekuttiv se jkun *full-time* ġewwa l-Kunsill il-*key* tal-bank tkun trasferita minn fuq is-Sindku Scott Camilleri għal fuq is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat. Il-membri kollha tal-Kunill qablu b'vot unanimu li Jordy Brincat ikun l-amminstrattur tal-*key* tal-bank.

## 65.10 *Call for Quotation: Environmental Consultant*

**65.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li f'seduti preċedenti l-Kunsill iddeċieda li x-xogħol li jsir mill-*contracts manager* għandu jinqasam. Dan ikun *contracts manager part-time* fi skala 13 u jkun impjegat tal-Kunsill u toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni għal *Environmental Consultant*. Dan xogħlu jkun li josserva l-applikazzjonijiet kollha kemm dawk tal-ippjanar u kif ukoll dawk ambjentali. Hu għandu jibgħat lill-Kunsill kull applikazzjoni u jekk ikun hemm bżonn li jiġbed l-attenzjoni u jibgħat sottomissjonijiet f'isem il-Kunsill jieħu ħsiebom. Issa li din is-sejħa għalqet, applikaw erba' *bidders*. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-bord u tintgħażel l-orħos offerta, dik ta' Borg Galea bl-ammont ta' €6,600 fis-sena.

## 65.11 *Leasing Agreement – Malta Freeport Coorporation - Multi Storey Car Park*

**65.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ser isir meeting mal-*Malta Freeport Coorporation,* sabiex jiddiskutu l-aħħar emendi qed iressaq il-Kunsill fuq dan il-ftehim.

Is-Sindku Scott Camilleri spjega l-emendi li l-Kunsill ħareġ bihom s'issa, u fiex wasal il-proċess.

**65.12 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2022**

**65.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressqu fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-Rapport Amminstrattiv għas-sena 2022. Kopja ta' dan ir-rapport tqassmet fil-jiem li għaddew lill-Kunsilliera kollha sabiex jaqrawh. Dan se jkun qed jinqara fil-Laqgħa Annwali ta' nhar l-Erbgħa 31 ta' Mejju 2023.

Ir-Rapport Amminstrattiv 2022 ġie approvat mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**65.13 Nomina għal Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**65.13.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li kull Kunsill Lokali irid jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati sabiex jieħu post is-Segretarju Eżekuttiv meta ma jkunx jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu. Qal ukoll diġa tkellem mal-membri tal-i*staff* li huma eliġibbli għal din in-nomina u ħadd minnhom ma hu nteressat għal din il-kariga. Hu se jkun qed jieħu ħsieb li jibgħat jinforma lill-Kunsilli u Reġjuni Lokali flimkien mad-Diviżjoni dwar din in-nomina għal min hu nterresat.

**65.14 Traffiku, Parkeġġ, utilitajiet u servizzi**

**65.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-*issue tal-bus shelters* mal-kumpanija *Faces.* L-AKL qed titlob sabiex titkellem hi f'isem il-Kunsilli Lokali kollha. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jidħlu għal Kunsilli f'din is-sitwazzjoni u jittama li din il-kwistjoni tiġi solvuta darba għal dejjem.

**65.14.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil spjegat dwar x'ġara din il-ġimgħa fir-rigward it-trasport pubbliku. Hi spjegat, fejn it-trasport pubbliku ma kienx qed jgħaddi bejn it-08:00h u 9:00h u bejn is-14:00h u 15:00h minn Marsaxlokk. L-istaff tal-Kunsill ħadd ma kien jaf x'ġara u għala servizz kien wieqaf. Il-Kunsillier Johann Borg qal li *Transport Malta* qed jagħmlu t-tibdiliet fir-rottot flimkien mal-*Malta Public Transport* u l-Kunsill ma jkunx infurmat. Wara jiġri li l-Kunsill ma jkun jaf qatt x'inhu jiġri eżatt u jrid jiskopri waħdu.

**65.14.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li hemm problema bil-ħaddiema tal-*Cleansing Department.* Minħabba f'hekk qed tiżdied id-domanda tax-xogħol għax l-indafa u l-qtugħ ta' ħaxix mhux issir kif skedat. Bħalissa ma' Birżebbuġa kollu huma biss tlett ħaddiema. Bħalissa b'dawn biss mhux qed ilaħħqu mar-raħal tagħna u d-domanda rikwesta. Talbet il-Kunsill hux possibli li jagħmel talba għal iżjed ħaddiema tal-kommunità biex inkunu nistgħu nlaħħqu mad-domanda tax-xogħol li qed ikun hawn fit-toroq. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dan iż-żmien il-ħaxix huwa iżjed salvaġġ, u bħalissa qed nagħmlu dan il-ħaxix bil-ħaddiema tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Scott Camilleri qal li tkellem mal-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo u lis-Sindku talbu li issa l-ħaddiema tal-*Cleanising* ma jispiċċawx jaħdmu biss fuq il-bajjiet u t-toroq jiġu abbandunati iżjed milli huma. Dan saħaq li din mhux se tiġri u hemm xogħlijiet li bħalissa huma għaddejjin fuqhom. Se nibgħatu korrispondenza lil biex nitolbu li jiżdiedu l-ħaddiema, għaliex bl-ammont li qed nħallsu nistennew li s-servizz ikun ħafna aħjar.

**65.14.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil għal darb'oħra staqsiet fiex waslet il-*pelican crossing* ta' ħdejn il-*Miracle Foods* f'San Ġorġ. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li għadna qed nistennew il-permess għalih.

**65.14.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet jekk kienx hemm xi aġġoranment fuq Dawret il-Qalb Imqaddsa u l-Kunsillier Alex Caruana qal li *Transport Malta* verbalment qallu li mhux se jaċċettaw *sleeping police* imma jaċċettaw li jsiru *humped zebra crossings.*

**65.14.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet fuq l-i*scooters* li qed ikun hawn imferxin mar-raħal kollu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħala mezz tat-trasport dawn l-i*scooters* huma mezz ekonomiku u *environmental friendly.* Dan però ma jiġġustifikax li jsir abbuż minn min jagħmel użu minnhu. Is-Sindku se jkellem lil din il-kumpanija tal-*iscooters* qal biex isir iddentifikat post alternattiv biex jipparkjaw fih.

**65.14.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk hemm xi aġġornament dwar il-ħajt li nbena fi Triq Ferreti l-Qajjenza. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat dak il-ippreżenta l-aħħar kommunikat li kien għamel mal-Pulizija. Sa dakinhar stess filgħodu, kien għadu kif bagħat *e-mail* lill-Pulizija u li s'issa ma rċieva xejn l-ebda risposta. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li s-Sur Domenic Vella minn Transport Malta qed jistenna mingħand il-Kunsill.

**65.14.08** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li diġa ġibed l-attenzjoni fuq gabbana li hemm Il-Bajja s-Sabiħa, din hi t'ostaklu għal min ikun se jaqsam peress li tinsab ħdejn il-*pelican crossing*. Hu saqsa jekk din tistax tiċċaqlaq ftit parkeġġi l-bogħod sabiex tnaqqas il-problema. Inqabel li nikkuntattjaw lis-sid biex ngħidulu jimxi sabiex titnaqqas din il-problema.

**65.14.09** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li ftit ġranet qabel kienet tkelmet miegħu il-Viċi Sindku, kien hemm problema fi Triq Mikiel Abela biex tmur in-naħa l-oħra trid iddur dawra kbira. Issa hu tkellem mas-Sur Andrew Haig minn Transport Malta fejn biex tiġi riżolta din il-problema trid tinqaleb kontra Triq il-Kitarristi.

**65.14.10** Il-Kunsillier Alex Caruana semma jekk Triq il-Kostituzzjoni, hux possibli li ddur id-direzzjoni tat-traffiku. Is-Sindku Scott Camilleri qal li biex taqsam minn Misraħ ir-Repubblika jew Triq 13 ta' Diċembru għal Triq il-Kostituzzjoni hija ta periklu kbir hekk kif ikun hemm min tiela minn Triq tal-Ġebel. Is-Sindku Scott Camilleri qal li trid issir li min ġej minn San Tumas iddur ma' Ġnien l-Indipendenza bilfors hekk tevita ħafna perikli. Il-Kunsillier Alex Caruana qabel miegħu.

**65.14.11** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li fi Triq San Ġorġ hemm problema fejn hemm ħames ħwienet li saret *Loading/UnLoading bay,* biex takkomoda l-ħames ħwienet imsemmija, issa l-ħanut li qiegħdha quddiemu ma jridiex tibqa hemmhekk, hekk kif hu ma jagħmilx użu minnha imma jużaha iżjed ħanut ieħor. Ħanut minnhom qal li biex hu ma hu jaqlax ċitazzjoni jrid ikollu karozza kummerċjali - li s-sid dan il-ħanut m'għandux. L-istess problema hi għall-klijenti tiegħu li ma jistgħux jipparkjaw fuq din il-din il-*bay*, biex jixtru mingħandu għax jaqilgħu ċitazzjoni ukoll. Hu kellu meeting *Transport Malta* u kif kien hemm mar ikellem lil Michael Cohen fuq din il-kwistjoni, u qallu hemm għazla li issir *Loading/UnLoading bay* għal ftit siegħat il-bqija ssir parkeġġ normali sa ħmistax -il minuta. Wara dan kollu, l-ħanut li dan il-parkeġġ jinsab quddiemu għamel talba bil-

miktub biex dan il-parkeġġ jitneħħa minn quddiemu. Il-Kunsill qabel li nibgħatu talba uffiċjali lis-Sur Michael Cohen sabiex jara hu x'jista jsir.

*Bħalissa it-19.45h u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.*

## 65.15 Proġetti u Skemi

**65.15.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li hi attendiet għal-laqgħa tal-GALXlokk fil-jiem li għaddew. Hi qallet li fl-2015, il-Kunsill kien iħallas xi flus biex inkunu f'pożizzjoni li napplikaw għal fondi minn diversi skemi u inizjattivi. Minn din il-laqgħa ħareġ li fetħet l-applikazzjoni mill-ġdid u li issa se tkun aktar sempliċi. Din hu miftuħa għal Kunsilli Lokali u għall-għaqdiet fil-lokal li huma nterresati li japplikaw. Marbut ma' din l-applikazzjoni, hemm pagament ta' €500 għal kull Kunsillier fil-Kunsill Lokali, biex il-Kunsill japplika għal dan il-programm. Is-Sindku Scott Camilleri qal li wara esperjenzi passati, iħoss li għalissa mhux qed jara lok fejn il-Kunsill japplika għalihom. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li ma nieħdux sehem.

**65.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qallet li hemm *re-imbursement* ta' €30,000 dwar skema marbuta ma' proġetti kapitali. Din l-iskema hi dwar sistema ta' dawl fiż-żona tal-bajja s-sabiħa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadu qed jistenna mingħand il-kuntrattur tad-dawl u qed jipprova li sal-aħħar tax-xahar nibgħatu għar-rimbors.

## 65.16 Saħħa, indafa u ambjent

**65.16.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li rat *post* fuq *social media* dwar xogħol taċ-ċangaturi fil-bajja ta' San Ġorġ li mhux issir sew kif suppost. Il-Kunsillieri qallu li llum dan qed jirranġawh kif suppost.

**65.16.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li l-pjanti u s-siġar ta' ħdejn Alfresco jridu li nieħdu ħsiebom sew. Se nkellmu lill-kuntrattur dwarom.

## 65.17 Attivitajiet

**65.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet fl-24 ta' Ġunju se tkun qed issir l-attività tal-Imnarja ġewwa l-Qajjenza. Wara din l-attività se tibda taħdem fuq Jum Birżebbuġa. Din is-sena se ssir bejn it-2 u t-3 ta' Settembru 2023. Se jiġi fformat l-istess kumitat li kien hemm is-sena l-oħra. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet se żżid l-*awards* ma' dawk li kien hemm mas-sena li għaddiet.

## 65.18 Kultura, żgħażagħ u sport

**65.18.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li se jkun hemm laqgħa ġewwa l-i*skatepark* ħabba xi tibdiliet li se jsiru. Se jkun qed jattendi l-Uffiċjal Eżekuttiv Christian Mifsud għal din il-laqgħa.

**65.18.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġej staġun Sajfi mimli attivitajiet fil-grawnd tar-ramel.

## 65.19 Affarijiet oħra

**65.19.01** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li fejn il-*waterpolo pitch*, kien hemm bozza li din mhux possibli li tixgħel fejn il-*cable* hu maħruq. L-*Enemalta* qalu biex isiru żewġ arbli minflok. Hemm bżonn jekk isir trinka għal palm issir trinka għal bozza u nkunu għamilna żewġ affarijiet f'daqqa.

**65.19.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li twaħħal fanal Triq Cachia Zammit u meta qalulu l-prezz ta' sitta hu ra li huma ftit għoljin. Qed jistaqsi hux possibli li jinxtara fanal ieħor biex ikunu 2 pariġġ xulxin. Il-Kunsilliera preżenti qablu li dan jinxtara.

## 65.20 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**65.20.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023, fil-17:30h.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| _________________________ | _________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |